MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Numru 356/2003

Il-Pulizija
(Sp Morgan Azzopardi)
vs
Anthony Agius, iben Paul,
imwieled Pieta' fis-16 ta'
april, 1959

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli ġewwa Ħaż-Żabbar, fl-24 ta' ġunju, 1999 u fl-erba' snin ta' qabel, bħala l-propjetarju jew konsumatur tal-fond numru 12, Sqaq San Vincenz, Ħaż-Żabbar u bħala l-persuna responsabbli għall-meter tal-elettriku fl-istess fond, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi,

u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, b’mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita’ meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b’hekk ikkometta serq ta’ dawl elettriku li jammonta għal Lm284.20 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin;
2. talli fl-istess ċirkostanżi għamel ħsara volontarja fl-istess meter tad-dawl għad-dannu ta’ l-istess Korporazzjoni, liema ħsara tammonta għas-somma ta’ Lm10.

Il-Qorti ġiet mitluba biex, f’każ ta’ ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533
tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konsumatur talab lill-Korporazzjoni Enemalta biex imorru jibdlu l-meter tad-dawl tal-fond hawn fuq imsemmi. Illi meta l-impjegati marru sabu li f’dan il-meter kien hemm toqba u xi siġilli maqtugħin.

Illi l-espert tal-Qorti kellem lill-imputat u dan qallu li ma kien jaf xejn. Illi fix-xhieda li l-imputat offra quddiem din il-Qorti reġa sostna t-teżi tiegħu li hu ma kien jaf xejn u li ma kien għamel xejn biex jisraq id-dawl.

Fiċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ, l-imputat hu kredibbli u xejjen il-presumzjoni tal-liġi.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------